Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Frar 2018
(OR. en)

5659/18

| Fajl Interistituzzjonali: 2018/0002 (NLE) |
|---|

VISA 9
COEST 19
JAIEX 10

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi meħuda f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/…**

**ta' …**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi meħuda
f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt
stabbilit skont il-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi,
fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni
għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/242/UE tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi[1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

[1] ĠU L 128, 30.4.2014, p. 47.

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi[1] ("il-Ftehim") jistabbilixxi Kumitat Konġunt. (il-"Kumitat Konġunt"). Huwa jipprovdi, b'mod partikolari, li l-Kumitat Konġunt irid jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] stabbilixxa l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu minn, jew soġġorni previsti fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 ijiem.

(3) Linji gwida komuni huma neċessarji sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata sħiħa tal-Ftehim mill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri, u biex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Partijiet kontraenti li jibqgħu japplikaw għal ħruġ ta' viżi mhux koperti mill-Ftehim.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt rigward l-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

---

1 ĠU L 128, 30.4.2014, p. 49.

2 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[1]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[2]; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta’ Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f’xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ….,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI NRU .../201… TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI**

**ta'…**

**fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi[1] ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

[1] ĠU UE L 128, 30.4.2014, p. 49.

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubbblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huma indikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi…

*Għall-Unjoni Ewropea* *Għar-Repubbblika tal-Ażerbajġan*

ABBOZZ

# LINJI GWIDA KOMUNI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI

L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi "il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014, huwa li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal soġġorn previst ta' mhux aktar minn 90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan.

Il-Ftehim jistabbilixxi, fuq il-bażi ta' reċiproċità, drittijiet u obbligi legalment vinkolanti għall-iskop ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-viża għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

Dawn il-Linji Gwida, adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim, ("il-Kumitat Konġunt"), għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni armonizzata tal-Ftehim mill-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri tal-Unjoni ("Stati Membri") u r-Repubblika tal-Ażerbajġan. Dawn il-Linji Gwida mhumiex parti mill-Ftehim u għalhekk mhumiex legalment vinkolanti. Madankollu, huwa rrakkomandat ħafna li l-persunal diplomatiku u konsulari jsegwihom b'mod konsistenti meta jimplimenta l-Ftehim.

Dawn il-Linji Gwida huma maħsuba biex jiġu aġġornati fid-dawl tal-esperjenzi miksuba fl-implimentazzjoni tal-Ftehim taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat Konġunt.

Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kontinwa u armonizzata tal-Ftehim u f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi, il-Partijiet qablu li jkollhom kuntatti informali bejn il-laqgħat formali tal-Kumitat Konġunt, sabiex jittrattaw kwistjonijiet urġenti. Rapporti dettaljati dwar dawn il-kwistjonijiet u l-kuntatti informali jiġu preżentati fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt.

## I. KWISTJONIJIET ĠENERALI

### 1.1. Għan u kamp ta' applikazzjoni

L-Artikolu 1 tal-Ftehim jipprevedi li: "L-għan ta' dan il-Ftehim hu sabiex jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn previst għal mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Azerbajġan".

Il-Ftehim japplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Ażerbajġan li japplikaw għal viża għal soġġorn qasir, irrispettivament mill-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Il-Ftehim ma japplikax għal persuni apolidi li għandhom permess ta' residenza maħruġ minn kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew mir-Repubblika tal-Ażerbajġan. Ir-regoli tal-*acquis* tal-Unjoni dwar il-viżi u tal-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan japplikaw għal dik il-kategorija ta' persuni.

1.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim

L-Artikolu 2 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Il-faċilitazzjonijiet tal-viża previsti f'dan il-Ftehim għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Azerbajġan biss sakemm ma jkunux eżenti mill-ħtieġa tal-viża bil-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Azerbajġan, tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, tal-Ftehim preżenti jew ftehimiet internazzjonali oħra.

2. Il-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan, jew tal-Istati Membri jew il-liġi tal-Unjoni għandhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, bħaċ-ċaħda milli tinħareġ viża, rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, prova ta' mezzi ta' għejxien suffiċjenti u ċ-ċaħda tad-dħul u miżuri ta' espulsjoni.".

Il-Ftehim, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 tiegħu (li jipprovdi għall-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Ażerbajġan li huma detenturi ta' passaporti diplomatiċi validi) ma jaffettwax ir-regoli eżistenti dwar l-obbligi tal-viża u l-eżenzjonijiet mill-viża. Pereżempju, l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001[1] jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw mir-rekwiżit ta' viża, fost kategoriji oħra ta' persuni, ekwipaġġi ċivili tal-ajru u tat-tbaħħir.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU UE L 81 tal-21.3.2001 p.1).

F'dak il-kuntest jenħtieġ li jiġi miżjud li skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' 14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[1], l-Istati Membri kollha ta' Schengen huma obbligati li jirrikonoxxu l-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza maħruġa minn xulxin bħala validi għal soġġorni qosra fit-territorji ta' xulxin. L-Istati Membri kollha ta' Schengen jaċċettaw il-permessi ta' residenza, il-viżi D u l-viżi għal soġġorni qosra ta' stati assoċjati ma' Schengen għal dħul u soġġorni qosra u viċi versa.

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"Kodiċi dwar il-Viżi")[2] japplika għall-ħruġ kollu mhux kopert mill-Ftehim, bħalma huma d-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' Schengen responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal viża, il-motivazzjoni għal rifjut li tinħareġ viża, id-dritt ta' appell kontra deċiżjoni negattiva u r-regola ġenerali ta' intervista personali mal-applikant tal-viża u l-provvista tal-informazzjoni kollha rilevanti relatata mal-applikazzjoni għal viża. Barra minn hekk, ir-regoli ta' Schengen b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] (jiġifieri r-rifjut ta' dħul fit-territorju, prova ta' mezzi suffiċjenti ta' għejxien eċċ) u l-liġi nazzjonali, fejn adatt, ikomplu japplikaw ukoll għal kwistjonijiet li mhumiex koperti mill-Ftehim, bħar-rikonoxximent ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, prova ta' mezzi suffiċjenti ta' għajxien, iċ-ċaħda tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri u miżuri ta' espulsjoni.

---

1 ĠU UE L 239, 22.9.2000, p. 19.

2 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (il-Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU UE L 243, 15.9.2009, p. 1).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU UE L 77, 23.3.2016, p. 1).

Anki jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-Ftehim ikunu ssodisfati, pereżempju, l-applikant għall-viża jagħti prova ta’ dokumenti ġustifikattivi rigward l-iskop tal-vjaġġ għall-kategoriji previsti fl-Artikolu 4, il-ħruġ tal-viża xorta jkun jista' jiġi rifjutat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen") ma jiġux issodisfati, jiġifieri l-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha dokument validu tal-ivvjaġġar, ikun inħareġ allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-persuna titqies bħala ta' periklu għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, eċċ.

Flessibbiltajiet oħra għall-ħruġ ta' viżi permessi mill-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi jibqgħu japplikaw. Pereżempju, viżi għal dħul multiplu għal perjodu ta' validità twil - sa ħames snin - jistgħu jinħarġu lil kategoriji ta' persuni apparti dawk imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 24 tal-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 24). Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 16(5) u (6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li jippermettu eżenzjoni jew tnaqqis tat-tariffa tal-viża jkomplu japplikaw.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-Repubblika tal-Ażerbajġan, il-Kodiċi dwar il-Migrazzjoni[1] u l-atti legali normattivi korrispondenti tar-Repubblika tal-Ażerbajġan japplikaw għall-kwistjonijiet kolha mhux koperti mill-Ftehim, bħalma huma l-motivazzjoni ta' rifjut li tinħareġ viża, id-dritt ta' appell kontra deċiżjoni negattiva jew ir-regola ġenerali ta' intervista personali mal-applikant u l-għoti ta' informazzjoni b'rabta mal-applikazzjoni għal viża, ir-rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, prova ta' mezzi għall-għajxien suffiċjenti, iċ-ċaħda ta' dħul fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan, miżuri ta' espulsjoni.

Flessibiltajiet oħra fil-ħruġ tal-viżi permessi mil-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan ikomplu japplikaw jekk jistabbilixxu reġim aktar favorevoli għall-applikant. Pereżempju, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17.2 tal-Liġi tar-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar it-tariffi tal-istat li jippermettu l-eżenzjoni mit-tariffa tal-viża u tal-Artikolu 38tal-Kodiċi tal-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jippermettu l-ħruġ ta' viżi elettroniċi jkomplu japplikaw.

Anki jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet previsti fil-Ftehim, pereżempju, tingħata prova ta' evidenza dokumentata dwar l-iskop tal-vjaġġ għall-kategoriji previsti fl-Artikolu 4 mill-applikant għall-viża, il-ħruġ tal-viża xorta jista' jiġi rifjutat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36 tal-Kodiċi dwar il-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan (ħlief għall-paragrafu 36.1.7 tiegħu) ma jiġux sodisfati jew jekk ikun hemm ċirkostanzi kif imniżżla fl-Artikolu 16 tal-Kodiċi dwar il-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

[1] Il-Kodiċi dwar il-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan ġie adottat mil-Liġi tar-Repubblika tal-Azerbajġan Nru 713-IVQ, fit-2 ta' Lulju 2013, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2013.

1.3. Tipi ta' viżi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

Il-punt (d) tal-Artikolu 3 tal-Ftehim jiddefinixxi “viża” bħala “awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan bl-intenzjoni ta' transitu minn, jew soġġorn previst għal durata ta’ mhux aktar minn 90 jum f'kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, fit-territorju tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Ażerbajġan”.

Il-faċilitazzjonijiet ipprovduti mill-Ftehim japplikaw kemm għal viżi uniformi validi għat-territorju kollu tal-Istati Membri kif ukoll għal viżi b’validità territorjali limitata.

Il-faċilitazzjonijiet ipprovduti mill-Ftehim japplikaw għall-viżi kollha stabbiliti fil-Kapitolu 5 tal-Kodiċi dwar il-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

1.4. Kalkolu tat-tul ta' soġġorn awtorizzat b'viża

Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jiddefinixxi l-kunċett ta’ soġġorn qasir kif ġej: "mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, li jinkludi li jitqies il-perjodu ta' 180 jum li jippreċedi kull jum ta' soġġorn".

Din id-definizzjoni tapplika wkoll għal viżi għal soġġorn qasir maħruġa mir-Repubblika tal-Ażerbajġan, f'konformità mal-Ftehim.

Il-jum tad-dħul jiġi kkalkulat bħala l-ewwel jum tas-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri u l-jum tal-ħruġ jiġi kkalkulat bħala l-aħħar jum tas-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri. Il-kunċett ta' "kwalunkwe" jimplika l-applikazzjoni ta' perjodu ta' referenza "mobbli" ta' 180 jum, b'mod li wieħed iħares lura, lejn kull ġurnata tal-aħħar perjodu ta' 180 jum, sabiex jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżit tad-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum għadux jiġi ssodisfat. Dak ifisser li nuqqas mit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu mhux interrott ta' 90 jum jippermetti soġġorn ġdid ta' mhux aktar minn 90 jum.

Kalkolatur ta' soġġorni qosra, li jista' jintuża biex jiġi kkalkolat il-perjodu tas-soġġorn permissibbli skont ir-regoli l-ġodda, jinsab onlajn fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing/index_en.htm.

Eżempju tal-kalkolu tas-soġġorn fuq il-bażi tad-definizzjoni preżenti:

Persuna li jkollha viża għal dħul multiplu valida għal (1) sena (18 ta' April 2014 – 18 ta' April 2015) tidħol għall-ewwel darba fid-19 ta' April 2014 u toqgħod hemm għal tlett ijiem. Imbagħad l-istess persuna tidħol mill-ġdid fit-18 ta' Ġunju .2014 u toqgħod hemm għal 86 jum. X'inhi s-sitwazzjoni f'dati speċifiċi? Dik il-persuna meta titħalla tidħol mill-ġdid?

Fil-11 ta' Settembru .2014: matul l-aħħar 180 jum (16 ta' Marzu 2014-11 ta' Settembru 2014) il-persuna kienet qagħdet hemm għal tlett ijiem (19 -21 ta' April 2014) flimkien ma' 86 jum (18 ta' Ġunju 2014-11 ta' Settembru 2014) = 89 jum = l-ebda soġġorn eċċessiv. Il-persuna tista' tibqa' għal massimu ta' ġurnata oħra.

Mis-16 ta' Ottubru 2014: il-persuna tista’ tidħol għal soġġorn ta' tlett ijiem addizzjonali (Fis-16 ta' Ottubru 2014 is-soġġorn tad-19 ta' April 2014 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta’ 180 jum); fis-17 ta' Ottubru 2014, is-soġġorn fl-20 ta' April 2014 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta’ 180 jum; eċċ.).

Mill-15 ta' Diċembru 2014: il-persuna tista’ tidħol għal soġġorn ta' 86 jum addizzjonali (Fil-15 ta' Diċembru 2014 is-soġġorn tat-18 ta' Ġunju 2014 isir irrilevanti (lil hinn mill-perjodu ta’ 180 jum); fis-16 ta' Diċembru 2014 is-soġġorn fid-19 ta' Ġunju 2014 isir irrilevanti, eċċ.

1.5. Is-sitwazzjoni rigward l-Istati Membri li għadhom ma japplikawx għal kollox l-*acquis* ta’ Schengen, l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-politika komuni tal-Unjoni dwar il-viżi u pajjiżi assoċjati.

L-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja), fl-2007 (il-Bulgarija u r-Rumanija), u fl-2013 (il-Kroazja) huma marbuta b'dan il-Ftehim mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja u r-Rumanija għadhom mhux qed jimplimentaw għalkollox l-*acquis* ta' Schengen. Dawn ikomplu joħorġu viżi nazzjonali b'validità limitata għat-territorju nazzjonali tagħhom stess. Ladarba dawk l-Istati Membri jimplimentaw għalkollox l-*acquis* ta' Schengen, huma jjapplikaw il-Ftehim.

Il-liġi nazzjonali tibqa' tapplika għall-kwistjonijiet kollha mhux koperti mill-Ftehim sad-data tal-implimentazzjoni totali tal-*acquis* ta' Schengen minn dawk l-Istati Membri. Minn dik id-data, ir-regoli ta' Schengen u/jew il-liġi nazzjonali għandhom japplikaw għal kwistjonijiet mhux irregolati mill-Ftehim.

Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma awtorizzati li jirrikonoxxu l-permessi ta' residenza, il-viżi D u l-viżi għal soġġorn qasir maħruġa mill-Istati Membri kollha ta' Schengen u mill-pajjiżi assoċjati għal soġġorni qosra fit-territorju tagħhom[1].

Skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, il-Partijiet kollha f'din il-Konvenzjoni huma obbligati li jirrikonoxxu l-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza maħruġa minn xulxin bħala validi għal soġġorni qosra fit-territorji ta' xulxin. Huma jaċċettaw il-permessi ta' residenza, il-viżi D u l-viżi għal soġġorni qosra ta' pajjiżi assoċjati għal dħul u soġġorni qosra u viċi versa.

Il-Ftehim ma japplikax għad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit iżda jinkludi dikjarazzjonijiet konġunti dwar kemm ikun xieraq li dawk l-Istati Membri jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-viża mar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

Għalkemm assoċjati ma' Schengen, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera mhumiex marbuta bil-Ftehim. Madankollu, il-Ftehim jinkludi Dikjarazzjoni Konġunta dwar kemm ikun xieraq li dawk il-pajjiżi assoċjati li jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorni qosra mar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

[1] Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 23). Minħabba n-nuqqas ta' relazzjonijiet diplomatiċi, Ċipru bħalissa jeżenta d-detenturi tal-passaporti tal-Azerbajġan (ħlief passaporti diplomatiċi) mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE.

Il-Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta’ viżi bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Gvern tar-Renju tan-Norveġja kien iffirmat fit-3 ta’ Diċembru 2013, u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2015. Il-Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta’ viżi bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Kunsill Federali Żvizzeru kien iffirmat fl-10 ta’ Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ April 2017. Barra minn hekk, il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan u l-Gvern tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-applikazzjoni reċiproka tar-regoli, imsemmija fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta’ viżi daħal fis-seħħ fil-15 ta’ Frar 2017.

1.6. Il-Ftehim u l-ftehimiet bilaterali.

L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprevedi li:

“Sa minn meta jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim jieħu preċedenza fuq dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali konkluż bejn Stati Membri individwali u r-Repubblika tal-Azerbajġan, sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.”

Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali fis-seħħ bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar kwistjonijiet koperti mill-ftehim ma jibqgħux japplikaw. F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jeliminaw l-inkompatibilitajiet bejn il-ftehimiet bilaterali tagħhom u l-Ftehim.

F'każ li Stat Membru jkun ikkonkluda ftehim bilaterali jew arranġament mar-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar kwistjonijiet mhux koperti mill-Ftehim, pereżempju billi jipprovdi għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' viża għal detenturi ta' passaporti ta' servizz, dik l-eżenzjoni tibqa' tapplika wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

L-Istati Membri li ġejjin għandhom ftehim bilaterali mar-Repubblika tal-Ażerbajġan li jipprovdi għal eżenzjoni mill-obbligu tal-viża għal detenturi ta’ passaporti ta’ servizz: l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Latvja u s-Slovakkja[1].

L-eżenzjoni mill-viża għad-detenturi ta’ passaporti ta’ servizz konċessi minn Stat Membru tapplika biss għall-ivvjaġġar fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru u mhux għall-ivvjaġġar lejn Stati Membri oħra ta’ Schengen.

II. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

2.1. Regoli li japplikaw għall-applikanti kollha għall-viżi

Huwa mfakkar li l-faċilitazzjonijiet imsemmija hawn taħt rigward it-tariffa tal-viża, it-tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta’ applikazzjonijiet, it-tluq f’każ ta’ dokumenti mitlufa jew misruqa, u l-estensjoni tal-viża f’ċirkostanzi eċċezzjonali japplikaw għall-applikanti kollha tal-viżi u d-detenturi tal-viżi li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jew tal-Istati Membri marbuta bil-Ftehim, inkluż it-turisti.

[1] L-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 539/2001.

2.1.1. Tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi

L-Artikolu 6(1) tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. "It-tariffa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża għandha tammonta għal EUR 35."

Skont l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim, it-tariffa għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-viża hija ta' EUR 35. Dik it-tariffa tapplika għall-applikanti għal viża kollha li jkunu ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jew tal-Unjoni (inklużi t-turisti) u tirrigwarda viżi għal soġġorni qosra, irrispettivament min-numru ta' dħul.

L-Artikolu 6(2) tal-Ftehim jipprevedi li:

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 it-tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża jitneħħew għal dawn il-kategoriji ta' persuni:

(a) għal qraba mill-viċin — konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u tfal tat-tfal (grand-children) — li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri, jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Ażerbajġan;

(b) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, inklużi membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem f'laqgħat uffiċjali, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri;

(c) tfal tal-iskola, studenti, studenti postuniversitarji u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola;

(d) persuni b'diżabbiltà u l-persuni li jakkumpanjawhom, jekk meħtieġ;

Sabiex wieħed igawdi mill-eżenzjoni mit-tariffa, trid tinġieb evidenza li turi li ż-żewġ applikanti għal viża jaqgħu taħt din il-kategorija. F'każijiet fejn id-diżabbiltà tal-applikant għall-viża hi ovvja (persuni għomja, b'driegħ nieqsa), ir-rikonoxximent viżwali f'uffiċċju konsulari dwar il-viżi huwa aċċettabbli.

F'każijiet ġustifikati l-applikazzjoni tista' tkun ippreżentata minn rappreżentant jew tutur tal-persuna b'diżabbiltà.

'(e) il-parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali tal-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali; (N.B. Sostenituri mhux ser jitqiesu bħala persuni li jkunu qed jakkumpanjaw);

(f) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħrajn ta' skambju;

(g) persuni li jkunu ppreżentaw dokumenti li jippruvaw il-ħtieġa li jivvjaġġaw għal raġunijiet umanitarji, inkluż biex jirċievu trattament mediku urġenti u l-persuna li takkumpanjahom, jew li jattendu funeral ta' qarib mill-viċin jew biex iżuru qarib mill-viċin li għandu mard serju;

(h) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jivvjaġġaw għal raġunijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;'.

Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija, l-applikanti għall-viża jridu jġibu prova li huma membri ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ irreġistrati fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Ażerbajġan - ara l-Artikolu 4 tal-Ftehim.

'(i) pensjonanti;'.

Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-tariffa għal din il-kategorija ta' persuni, l-applikanti tal-viża jridu jippreżentaw evidenza li turi l-i*status* tagħhom ta' pensjonant. L-eżenzjoni mhijiex ġustifikata f'każijiet fejn l-għan tal-vjaġġ huwa attività bi ħlas

'(j) tfal taħt l-età ta' 12-il sena;

(k) ġurnalisti u ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;'.

Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-tariffa għal din il-kategorija ta' persuni, l-applikanti għall-viża jridu jġibu prova li huma membri ta' organizzazzjoni ġurnalistika jew tal-midja professjonali - ara l-Artikolu 4 tal-Ftehim.

F'dak li jirrigwarda l-Istati Membri, it-tariffa tiġi eżentata għall-kategoriji ta' persuni msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, it-tariffa tkun ukoll eżentata skont l-Artikolu 16(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għall-kategoriji segwenti ta' persuni:

– riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika kif definita fir-Rakkomandazzjoni 2005/761/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

– ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ li ma għandhomx aktar minn 25 sena li jipparteċipaw f'seminars, konferenzi, avvenimenti kulturali u edukattivi, organizzati minn organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ.

L-Artikolu 16(6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprevedi li:

"6. F'każijiet individwali, l-ammont tat-tariffa tal-viża li għandha tiġi imposta tista' tiġi eżentata jew imnaqqsa meta dan isir biex jippromwovi interessi kulturali jew sportivi kif ukoll interessi fil-qasam tal-politika estera, il-politika tal-iżvilupp u oqsma oħrajn ta' interess pubbliku vitali jew għal raġunijiet umanitarji.".

---

1 Ir-Rakkomandazzjoni (2005/761/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika (OJ L 289, 3.11.2005, p. 23).

L-Artikolu 16(7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprevedi li t-tariffa tal-viża trid tiġi imposta f'euro, fil-munita nazzjonali tal-pajjiż terz jew fil-munita li hi normalment użata fil-pajjiż terz fejn qiegħda tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, u ma tistax tiġi rifuża minbarra fil-każijiet ta' applikazzjoni inammissibbli jew fejn il-konsulat ma jkunx kompetenti.

Sabiex jiġu evitati diskrepanzi li jistgħu jwasslu għal visa shopping, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri fir-Repubblika tal-Ażerbajġan jenħtieġ li jiżguraw tariffi tal-viża simili għall-applikanti għal viża kollha mill-Ażerbajġan meta l-ammont tat-tariffa tal-viża jkun impost f'munita barranija.

Bl-istess mod, f'dak li għandu x'jaqsam mar-Repubblika tal-Ażerbajġan, it-tariffa tkun ukoll eżentata, skont l-Artikolu 17(2) tal-Liġi tar-Repubblika tal-Azerbajġan "Dwar it-Tariffi tal-Istat", għal dawn il-kategoriji ta' persuni barranin;

– membri tad-delegazzjoni u uffiċjali tal-Istat;

– rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali fir-Repubblika tal-Azerbajġan;

– persuni li qegħdin jistudjaw jew li huma involuti f'attivitajiet pedagoġiċi permezz ta' programmi tal-istat;

– persuni li jivvjaġġaw għal skopijiet ta' difiża.

L-applikanti għal viża mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Ażerbajġan jingħataw irċevuta għat-tariffa tal-viża mħallsa.

L-Artikolu 6(3) tal-Ftehim jipprevedi li:

"3. Jekk Stat Membru jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan jikkoopera ma' fornitur tas-servizzi estern bl-iskop ta' ħruġ ta' viża, il-fornitur tas-servizzi estern jista' jitlob tariffa biex titħallas għas-servizz. Din it-tariffa tkun proporzjonata ma' kemm ikun nefaq il-fornitur tas-servizzi estern waqt it-twettiq tal-ħidmiet tiegħu, u ma għandhiex tkun aktar minn EUR 30. L-Istati Membri u r-Repubblika tal-Azerbajġan iżommu l-possibbiltà għall-applikanti kollha li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament fil-konsulati tagħhom.

Għall-Unjoni, il-fornitur estern tas-servizzi jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu skont il-Kodiċi tal-Viżi u fir-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan.

Għar-Repubblika tal-Azerbajġan, il-fornitur estern tas-servizzi jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu skont il-leġiżlazzjoni tal-Azerbajġani u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-UE.'.

Rigward l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' fornituri tas-servizzi esterni, l-Artikolu 43 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kompiti tagħhom.

2.1.2. It-tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża

L-Artikolu 7 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubbliha tal-Azerbajġan għandhom jieħdu deċiżjoni fuq it-talba li tinħareġ viża fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-viża.

2. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jkun estiż sa 30 jum f'każijiet individwali, notevolment meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju tal-applikazzjoni.

3. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jitnaqqas għal jumejn (2) jew inqas f'każijiet urġenti.".

Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-viża tittieħed, bħala prinċipju, fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mid-data ta' meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-viża ammissibbli.

Dak il-perjodu jista' jiġi estiż sa 30 jum kalendarju f'każijiet individwali, notevolment meta huwa meħtieġ skrutinju aktar dettaljat tal-applikazzjoni jew f'każijiet ta' rappreżentanza fejn jiġu kkonsultati l-awtoritajiet tal-Istat Membru rappreżentat.

Dawk l-iskadenzi kollha ma jibdewx jiddekorru qabel ma jitlesta l-fajl tal-applikazzjoni għall-viża, jiġifieri mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni għall-viża flimkien mad-dokumenti ġustifikattivi.

Bħala regola, għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari li jkollhom sistema ta' appuntamenti, iż-żmien ta' stennija biex jinkiseb appuntament mhuwiex inkluż fiż-żmien tal-ipproċessar. Ir-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Kodiċi dwar il-Viża u fil-Kodiċi tal-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan huma applikabbli għal dik il-kwistjoni kif ukoll għal arranġamenti prattiċi oħra għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal viża.

L-Artikolu 7(3) tal-Ftehim jipprovdi li:

"Jekk l-applikanti jkunu jridu jiksbu appuntament għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, l-appuntament iseħħ, bħala regola, fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' meta jkun intalab l-appuntament.".

"F'każijiet ta' urġenza ġġustifikata (fejn ma setgħatx tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-viża aktar kmieni għal raġunijiet li ma setgħux jiġu previsti mill-applikant), l-applikanti jistgħu jitħallew mill-konsulat jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom jew mingħajr appuntament, jew għandu jingħata appuntament minnufih.".

Meta jiġi stabbilit l-appuntament, l-urġenza possibbli mitluba mill-applikant għall-viża jenħtieġ li titqies fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(3) tal-Ftehim. Id-deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża tittieħed mill-uffiċjal konsulari.

2.1.3. Tluq mill-pajjiż f'każ tat-telf jew serq ta' dokumenti tal-identità

L-Artikolu 8 tal-Ftehim jipprevedi li:

"Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jkunu tilfu d-dokumenti ta' identità tagħhom, jew li jkunu nsterqulhom dawn id-dokumenti waqt iż-żjara tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri, jistgħu jħallu dak it-territorju fuq il-bażi ta' dokumenti ta' identità validi li jippermettu l-qsim tal-fruntiera, maħruġa minn missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan mingħajr viża jew awtorizzazzjoni oħra. ".

F'każ ta' telf jew serq ta' dokumenti tal-identità, dokumenti tal-identità validi li jintitolaw id-detenturi tal-viża biex jaqsmu l-fruntiera maħruġa mill-missjonijiet diplomatiċi jew l-uffiċċji konsulari tkun suffiċjenti bħala bażi biex jitilqu mit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew miż-żona ta' Schengen. L-ebda dokument, awtorizzazzjoni jew formalitajiet oħra ta' kwalunkwe xorta ma jista' jiġi mistenni mill-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti mid-detentur tal-viża jew mill-uffiċċju konsulari.

2.1.4. Estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi eċċezzjonali

L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprevedi li:

"Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan li ma jkunux jistgħu jitilqu mit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew it-territorju tal-Istati Membri sad-data ddikjarata fil-viżi tagħhom għal raġunijiet ta' force majeure jkollhom il-perjodu ta' validità u/jew it-tul ta' soġġorn tal-viża maħruġa tagħhom estiż mingħajr ħlas konformement mal-leġiżlazzjoni applikata mir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istat Membru riċeventi għall-perjodu meħtieġ għar-ritorn lejn l-Istat ta' residenza tagħhom".

Rigward l-estensjoni tal-validità tal-viża f'każijiet ta' raġunijiet personali ġustifikati, fejn id-detentur tal-viża ma jkunx jista' jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru sad-data indikata fuq l-istiker tal-viża, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandhom japplikaw sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-Ftehim. Madankollu, skont il-Ftehim l-estensjoni tal-viża ssir mingħajr ħlas f'każ ta' *force majeure* jew raġunijiet umanitarji.

Fir-rigward tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, il-Kodiċi tal-Migrazzjoni japplika għal kwistjonijiet dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' residenza temporanju għall-barranin fir-Repubblika tal-Azerbajġan.

Id-deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' residenza temporanja għall-barranin fir-Repubblika tal-Ażerbajġan hija dokument uffiċjali li jawtorizza persuni barranin li joqogħdu temporanjament fir-Repubblika tal-Azerbajġan.

Barranin b'perjodu ta' soġġorn temporanju estiż fir-Repubblika tal-Azerbajġan jistgħu joħorġu mill-pajjiż permezz ta' punti ta' qsim tal-fruntiera billi jippreżentaw il-passaporti jew dokumenti oħra tagħhom tal-qsim tal-fruntieri u d-deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' soġġorn temporanju.

2.2. Regoli li japplikaw għal ċerti kategoriji ta' applikanti għall-viża

2.2.1. Provi dokumentati dwar l-għan tal-vjaġġ

Għall-kategoriji tal-persuni elenkati fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim, tkun meħtieġa biss l-evidenza dokumentarja indikata li tagħti prova tal-għan tal-vjaġġ. Kif previst fl-Artikolu 4(3) tal-Ftehim, l-ebda ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra dwar l-għan tal-vjaġġ ma tkun meħtieġa.

Madankollu, dan ma jfissirx eżenzjoni mir-rekwiżit ġenerali li persuna għandha tidher personalment sabiex tippreżenta l-applikazzjoni għall-viża jew biex tipprovdi dokumenti ġustifikattivi rigward eżempju l-mezzi ta' għejxien.

Jekk f'każijiet individwali jkun għad fadal xi dubji rigward l-awtentiċità tad-dokument li jagħti prova tal-għan reali tal-vjaġġ, skont l-Artikolu 21(8) tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-Kodiċi tal-Migrazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, l-applikant għall-viża jista' jissejjaħ għal intervista addizzjonali fl-ambaxxata u/jew fil-konsulat fejn dak l-applikant ikun jista' jiġi mistoqsi dwar l-iskop reali taż-żjara jew dwar l-intenzjoni tal-applikant li jirritorna. F'każijiet individwali bħal dawn, jistgħu jiġu provduti dokumenti addizzjonali b'mod volontarju mill-applikant għall-viża jew jistgħu jintalbu b'mod eċċezzjonali mill-uffiċjal konsulari. Dik il-prattika, madankollu, ma għandhiex tkun sistematika u tiġi mmonitorjata mill-qrib mill-Kumitat Konġunt.

Fil-prinċipju, id-dokument oriġinali mitlub mill-Artikolu 4(1) tal-Ftehim jiġi ppreżentat mal-applikazzjoni għall-viża. Madankollu, il-konsulat jista' jibda l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża bbażata fuq il-*facsimile* jew kopji tad-dokument. Madankollu, il-konsulat jista' jitlob id-dokument oriġinali fil-każ tal-ewwel applikazzjoni għall-viża u jitlob għalih f'każijiet individwali f'każ ta' xi dubju.

Għall-kategoriji ta' persuni mhux imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim (pereżempju turisti), ikomplu japplikaw ir-regoli ġenerali rigward dokumentazzjoni li sservi ta' prova tal-għan tal-vjaġġ. L-istess japplika għal dokumenti rigward il-kunsens tal-ġenituri għall-ivvjaġġar ta' tfal taħt it-18-il sena.

Ir-regoli ta' Schengen u tal-liġi nazzjonali għndhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mill-Ftehim, bħar-rikonoxximent ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-garanziji dwar ir-ritorn u l-mezzi suffiċjenti ta' għejxien.

L-Artikolu 4(1) tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Azerbajġan, id-dokumenti li ġejjin huma suffiċjenti sabiex ikun ġustifikat l-għan tal-vjaġġ lejn il-Parti l-oħra:

(a) għal qraba mill-viċin — konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u tfal tat-tfal (grand-children) — li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri, jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Ażerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Ażerbajġan:

– talba bil-miktub mill-persuna ospitanti;".

L-awtentiċità tal-firma tal-persuna li tagħmel l-istedina trid tkun ikkonfermata mill-awtorità kompetenti skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza. L-istedina jenħtieġ li tiġi validata mill-awtoritajiet kompetenti.

Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-qraba ta' persunal li jaħdem f'missjonijiet diplomatiċi u konsulati li jivvjaġġaw għal żjara lill-familja ta' mhux aktar minn 90 jum fit-territorju tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, minbarra l-ħtieġa li tinġieb prova ta' residenza legali u tar-rabtiet familjari.

"(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, għall-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali inklużi l-membri permanenti tat-tali delegazzjonijiet li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem f'laqgħat uffiċjali, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri:

– ittra maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew minn istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li tikkonferma li l-applikant ikun membru tad-delegazzjoni tagħha rispettivament jew membru permanenti tad-delegazzjoni tagħha, li qed jivvjaġġa lejn it-territorju tal-Parti l-oħra biex jipparteċipa f'dawn l-avvenimenti msemmija, flimkien ma' kopja tal-istedina uffiċjali;".

Isem l-applikant għall-viża irid ikun indikat fl-ittra maħruġa mill-awtorità kompetenti li tikkonferma li l-persuna tkun parti mid-delegazzjoni li qed tivvjaġġa lejn it-territorju tal-Parti l-oħra biex tipparteċipa fil-laqgħa uffiċjali. Isem l-applikant għall-viża ma għandux neċessarjament jiġi indikat ukoll fl-istedina uffiċjali biex jieħu sehem fil-laqgħa, għalkemm dan jista' jkun il-każ meta l-istedina uffiċjali tkun indirizzata lil persuna speċifika.

Dik id-dispożizzjoni tapplika għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali irrispettivament mit-tip ta' passaport (ta' servizz jew ordinarju) li jkollhom.

“(c) għal nies tan-negozju jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tan-negozju:

– talba bil-miktub mill-persuna ġuridika jew kumpanija ospitanti, organizzazzjoni jew uffiċċju jew fergħa ta' tali persuna ġuridika, jew kumpanija jew awtoritajiet statali jew lokali tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri jew kumitati organizzattivi jew wirjiet ta' kummerċ u industrija, konferenzi u simpożji li jsiru fit-territorji tar-Repubblika tal-Ażerbajġan jew f’xi wieħed mill-Istati Membri, approvata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;".

Barra minn dan ta' hawn fuq, ir-reġistru pubbliku nazzjonali joħroġ dokument li jikkonferma l-eżistenza ta’ organizzazzjonijiet tan-negozju.

“(d) għal xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bejn it-territorji tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan:

– talba bil-miktub mill-assoċjazzjoni jew il-kumpanija nazzjonali (trejdjunji) ta' min iġorr fir-Repubblika tal-Ażerbajġan jew l-assoċjazzjonijiet nazzjonali oħra ta' min iġorr fl-Istati Membri li jfornu trasport internazzjonali bit-triq, li tagħti l-għan, l-itinerarju, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;”.

L-assoċjazzjoni b’kompetenza biex toħroġ it-talba bil-miktub hija l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-pajjiż tal-oriġini tax-xufier. Fergħat reġjonali jew fergħat oħra ta’ assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu wkoll joħorġu t-talbiet bil-miktub.

“(e) għal studenti, studenti gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta’ studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta’ programmi ta’ skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola:

– talba bil-miktub jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mill-università, akkademja, istitut, kulleġġ jew skola li tospita, jew karti tal-istudenti jew ċertifikati tal-korsijiet li jkunu se jattendu;".

Karti tal-istudent tista' tiġi aċċettata biss bħala ġustifikazzjoni tal-iskop ta' vjaġġ meta tinħareġ mill-università, kulleġġ jew skola ospitanti fejn ikun ser isir l-istudju jew it-taħriġ edukattiv.

“(f) għal persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, akkademiċi, kulturali jew artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita biex jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet;"

“(g) għall-ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

– ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn organizzazzjoni professjonali jew minn impjegatur lill-applikant, li jixhed li l-persuna konċernata hi ġurnalist kwalifikat u li jistqarr li l-għan tal-vjaġġ hu li jwettaq xogħol ġurnalistiku jew li jixhed li l-persuna hi membru tal-ekwipaġġ tekniku li qed jakkumpanja l-ġurnalist f'kapaċità professjonali;".

Din il-kategorija ma tkoprix ġurnalisti li jkunu qed jaħdmu għal rashom u l-assistenti tagħhom.

Iridu jiġu ppreżentati ċertifikat jew dokument maħruġ minn organizzazzjoni professjonali ġurnalistika jew minn min iħaddem lill-applikant għall-viża, li jagħti prova li l-applikant hu ġurnalist kwalifikat jew persuna li takkumpanjaha f'kapaċità professjonali, u li jiddikjara li l-għan tal-vjaġġ huwa li jitwettaq xogħol ġurnalistiku jew li tingħata assistenza f'dak ix-xogħol.

"(h) għal parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita, mill-awtoritajiet kompetenti, mill-Federazzjonijiet sportivi nazzjonali tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew il-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew Kumitati Olimpiċi Nazzjonali tal-Istati Membri;".

Il-lista ta' persuni li jakkumpanjaw fil-każ ta' avvenimenti sportivi internazzjonali jkun limitat għal dawk li jakkumpanjaw lill-isportivi f'kapaċità professjonali: allenaturi, massaġġaturi, maniġers, persunal mediku, u l-kap tal-klabb sportiv. Għalhekk is-sostenituri ma jitqisux bħala persuni li jkunu qed jakkumpanjaw.

"(i) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' bdil organizzati minn bliet ġemellati:

– talba bil-miktub mill-Kap tal-Amministrazzjoni / mis-Sindku ta' dawn l-ibliet;".

Il-Kap tal-Amministrazzjoni / is-Sindku tal-belt jew il-lokalità kompetenti li toħroġ talba bil-miktub ikun il-Kap tal-Amministrazzjoni / is-Sindku tal-belt ospitanti jew tal-lokalità fejn l-attività ta' ġemellaġġ tkun ser isseħħ. Dik il-kategorija tkopri biss ġemellaġġi uffiċjali.

(j) għal persuni li jkunu qed jivvjaġġaw għal raġunijiet mediċi u l-persuni li jkun jeħtieġ li jakkumpanjawhom:

– dokument uffiċjali tal-istituzzjoni medika li jikkonferma l-ħtieġa ta' kura medika f'din l-istituzzjoni, in-neċessità tal-akkumpanjament, u evidenza ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti sabiex jitħallas it-trattament mediku.”.

Irid jiġi ppreżentat dokument maħruġ minn istituzzjoni medika li jikkonferma t-tliet elementi (il-ħtieġa ta' kura medika f'din l-istituzzjoni, in-neċessità tal-akkumpanjament u l-prova ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti sabiex jitħallas it-trattament mediku, pereżempju prova ta’ ħlas bil-quddiem).

“(k) għal membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simposji, seminars jew attivitajiet simili oħra li jsiru fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew tal-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita li tikkonferma li l-persuna kkonċernata qed tipparteċipa fl-avveniment;

(l) għar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' bdil:

– talba bil-miktub maħruġa mill-organizzazzjoni li tospita, konferma li l-persuna tkun qiegħda tirrappreżenta l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u ċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' tali organizzazzjoni mir-Reġistru rilevanti maħruġ minn awtorità tal-Istat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;".

Irid jiġi ppreżentat dokument mingħand l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li jikkonferma li l-applikant għall-viża jkun qed jirrappreżenta dik l-organizzazzjoni.

Membri individwali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhumiex koperti mill-Ftehim.

"(m) qraba li jżuru għal ċerimonji ta' dfin:

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-fatt ta' mewt kif ukoll ir-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-midfun;"

(n) għal żjarat f'ċimiterji militari u ċivili.

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll tar-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-midfun.".

Il-Ftehim ma jispeċifikax jekk id-dokument uffiċjali msemmi hawn fuq jenħtiġx jinħareġ mill-awtoritajiet tal-pajjiż fejn ikun hemm il-post tad-difna jew inkella minn dawk tal-pajjiż fejn tirresjedi l-persuna li tkun trid iżżur il-post tad-difna. Jenħtieġ li jiġi aċċettat li l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi jistgħu joħorġu dokument uffiċjali bħal dan.

Irid jiġi ppreżentat id-dokument uffiċjali msemmi hawn fuq li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll tar-relazzjoni familjali jew ta' xort'oħra bejn l-applikant għall-viża u l-persuna midfuna.

Il-Ftehim ma joħloq l-ebda regoli ġodda ta' responsabbiltà għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li joħorġu t-talbiet bil-miktub. Il-liġi tal-Unjoni u/jew dik nazzjonali rispettiva tapplika fil-każ ta' ħruġ falz ta' talbiet bħal dawn.

2.2.2. Ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu.

F'każijiet fejn l-applikant tal-viża jeħtieġ li jivvjaġġa sikwit fit-territorju tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, jistgħu jinħarġu viżi għal soġġorn qasir għal diversi soġġorni, sakemm it-tul totali ta' dawk iż-żjarat ma jaqbiżx id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum.

L-Artikolu 5 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan għandhom joħorġu viżi b'terminu ta' validità sa massimu ta' ħames (5) snin għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini:

(a) Konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), li jkunu taħt l-età ta' 21 jew ikunu dipendenti, ġenituri (inklużi l-kustodi), li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jkunu legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan;

(b) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri;

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hija manifestament limitata għal perjodu iqsar, it-terminu tal-validità tal-viża ta' diversi dħul hu limitat għal dak il-perjodu, partikolarment meta:

– fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt (a), il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għal residenza legali ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jirrisjedu legalment f'wieħed mill-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu legalment fir-Repubblika tal-Azerbajġan,

– fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt (b), il-perjodu tal-validità tal-istatus bħala membru permanenti ta' delegazzjoni uffiċjali,

ikun inqas minn ħames snin."

Filwaqt li jitqies l-istatus professjonali ta' dawk il-kategoriji ta' persuni, jew ir-relazzjoni familjali tagħhom ma' ċittadin tar-Repubblika tal-Ażerbajġan li jkun legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri, ċittadin tal-Unjoni li jkun legalment residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, jew ma' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru li tiegħu dik il-persuna jkollha ċ-ċittadinanza, huwa ġustifikat li jingħataw viża għal dħul multiplu b'terminu ta' validità ta' ħames snin, jew limitata għat-terminu tal-kariga jew residenza legali tagħhom jekk dawn ikunu ta' inqas minn ħames snin.

Il-persuni li jaqgħu taħt il-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim, iridu jippreżentaw prova tar-residenza legali tal-persuna ospitanti.

Fir-rigward ta' persuni li jaqgħu taħt il-punt (b) tal-Artikolu 5(1), trid tingħata konferma rigward l-istatus professjonali tagħhom u t-tul tal-mandat tagħhom.

Dik id-dispożizzjoni ma tapplikax għal persuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 5(1)(b) tal-Ftehim, jekk dawn ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' viża mill-Ftehim, jiġifieri jekk ikunu detenturi ta' passaport diplomatiku.

F'każijiet fejn il-bżonn jew l-intenzjoni ta' vjaġġar ta' sikwit jew regolari jkun manifestament limitat għal perjodu iqsar, il-validità tal-viża ta' dħul multiplu tkun limitata għal dak il-perjodu.

"2. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u r-Repubblika tal-Azerbajġan joħorġu viżi għal dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, ikunu użawha skont il-liġijiet ta' dħul u residenza fit-territorju tal-Istat li żaru:

(a) studenti, studenti gradwati li jivvjaġġaw regolarment għall-għanijiet ta' studju jew

taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(b) ġurnalisti u ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(c) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' bdil organizzati minn bliet ġemellati;

(d) xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bejn it-territorji tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan;

(e) il-persuni li jeħtieġu li jżuru regolarment għal raġunijiet mediċi u l-persuni meħtieġa li jakkumpanjawhom;

(f) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simposji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri;

(g) rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(h) persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' bdil, li jivvjaġġaw regolarment fir-Repubblika tal-Azerbajġan jew fl-Istati Membri;

(i) parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali tal-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(j) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew tal-Istati Membri;

(k) nies fin-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju li jivvjaġġaw regolarment fir-Repubblika tal-Azerbajġan jew fl-Istati Membri;

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hija manifestament limitata għal perjodu iqsar, it-terminu tal-validità tal-viża għal dħul multiplu jkun limitat għal dak il-perjodu.".

Fil-prinċipju, viżi għal dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' sena jinħarġu lill-kategoriji ta' applikanti għall-viżi msemmija hawn fuq jekk matul is-sena ta' qabel (12-il xahar) l-applikant għall-viża jkun kiseb tal-anqas viża waħda u jkun għamel użu minnha skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorn fit-territorju/i tal-Istat(i) viżitati (pereżempju, il-persuna ma tkunx baqgħet aktar milli kien imissha) u jekk ikun hemm raġunijiet biex tintalab viza għal dħul multiplu.

F'każijiet fejn ma jkunx ġustifikat li tinħareġ viża valida għal sena, pereżempju jekk it-tul tal-programm ta' skambju jkun ta' inqas minn sena jew il-persuna ma jkollhiex bżonn li tivvjaġġa għal sena sħiħa, il-perjodu ta' validità tal-viża tkun ta' anqas minn sena, sakemm ir-rekwiżiti l-oħra għall-ħruġ tal-viża jkunu ssodisfati.

"3. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan joħorġu viżi ta' dħul multiplu b'perjodu ta' validità minimu ta' sentejn (2) u massimu ta' ħames (5) snin għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk kemm-il darba fis-sentejn (2) ta' qabel ikunu wżaw il-viżi ta' dħul multiplu għal sena skont il-liġijiet dwar id-dħul u r-residenza fit-territorju tal-Istat li żaru sakemm il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment ma tkunx manifestament limitata għal perjodu iqsar, li f'dan il-każ il-perjodu tal-validità tal-viża ta' dħul multiplu jkun limitat għal dak il-perjodu.

4. Il-perjodu totali ta' residenza ta' persuni msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum fit-territorju tal-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan.".

Il-viżi għal dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' sentejn u massimu ta' ħames snin jinħarġu għall-kategoriji ta' applikanti għall-viżi msemmija fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, bil-kondizzjoni li matul is-sentejn ta' qabel (24 xahar) ikunu użaw iż-żewġ viżi ta' sena għal dħul multiplu skont il-liġijiet dwar id-dħul u s-soġġorni fit-territorju/i tal-Istat(i) viżitat(i) u li l-ħtiġijiet għat-talba ta' viża għal dħul multiplu jkunu għadhom validi. Għandu jiġi nnutat li viża b'perojdu ta' validità ta' minimu ta' ħames snin, tinħareġ biss jekk l-applikant għall-viża jkun ingħata żewġ viżi validi għal mill-anqas sena matul is-sentejn ta' qabel (24 xahar), u jekk dik il-persuna tkun użat dawk il-viżi skont il-liġijiet tad-dħul u s-soġġorn fit-territorju(i) tal-Istat(i) viżitat(i). Il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari jiddeċiedu, fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' kull applikazzjoni għall-viża, dwar il-perjodu ta' validità ta' dawk il-viżi, jiġifieri minn sentejn sa ħames snin.

Ma hemm l-ebda obbligu li tinħareġ viża għal dħul multiplu jekk l-applikant tal-viża ma jkunx għamel użu minn viża maħruġa preċedentement.

2.2.3. Id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi.

L-Artikolu 10 tal-Ftehim jipprevedi li:

"1. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan li huma detenturi ta' passaporti diplomatiċi validi jistgħu jidħlu, joħorġu jew jagħmlu tranżitu mit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri mingħajr viżi.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu joqogħdu fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew fit-territorji tal-Istati Membri għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum."

Il-proċeduri għall-postazzjoni ta' diplomatiċi fl-Istati Membri mhumiex koperti bil-Ftehim. Tapplika l-proċedura ta' akkreditazzjoni normali.

III. KOOPERAZZJONI DWAR DOKUMENTI TAL-IVVJAĠĠAR

F'Dikjarazzjoni Konġunta annessa mal-Ftehim il-Partijiet qablu li l-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jevalwa l-impatt tal-livell ta' sigurtà tad-dokumenti rispettivi tal-ivvjaġġar fuq il-funzjonament tal-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Partijiet qablu li jinformaw lil xulxin b'mod regolari dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġi evitat it-tifrix ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, billi jiġu żviluppati l-aspetti tekniċi tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll dwar il-proċess tal-personalizzazzjoni tal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

IV. L-ISTATISTIKA

Sabiex il-Kumitat Konġunt ikun jista' jimmonitorja b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-Ftehim, il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri għandhom jippreżentaw statistika lill-Kummissjoni kull sitt xhur. Fejn ikun possibbli, dik l-istatistika jenħtieġ li tinkludi, ippreżentat b'analiżi ta' kull xahar:

– l-għadd ta' viżi mitluba;

– l-għadd ta' viżi għal dħul multiplu maħruġa;

– it-tul tal-validità tal-viżi għal dħul multiplu maħruġa;

– l-għadd ta' viżi maħruġa mingħajr tariffi.